# Il-Qniepen tal-Parroċċa ta' San Lawrenz Għawdex



Kitba tal-Kampanoloġista
Kenneth Cauchi B. Cons. (Hons.) Rest. Mtls, Stn, Cer, Gls.

Mhix ħaġa magħrufa minn bosta nies imma huwa fatt li fiż-żewġ kampnari tal-Parroċċa ddedikata lid-djaknu martri San Lawrenz insibu erba' qniepen li tlieta minnhom, waħda minnhom b'mod partikulari, hija ta' valur storiku u mużikali kbir. Dawn it-tliet qniepen kienu fonduti f'Ġenova fil-funderija ta' Luigi jew aħjar Alosio Boero. Aħna ser nagħmlu riferenza lejn it-tliet qniepen il-kbar fonduti minn Boero. Ir-raba' qanpiena, iż-żgħira nett, ser nagħmlu riferenza għaliha iktar tard.

Dan il-fonditur Boero huwa kemm xejn misterjuż għal raġuni li jinsabu diversi qniepen li għandhom l-istess dettalji u ikonografija fuqhom però jġibu l-isem ta' fondituri oħra kollha minn Ġenova. Għaldaqstant ma nistgħux ngħidu jekk il-fonditur Boero kienx wieħed minn ħames fondituri jaħdmu flimkien inkella kienx jaħdem għal rasu kontemporanjament ma' oħrajn.

Dawn l-erbgħa kellhom possibilment rappreżentant f'Malta li kellu għadma iebsa ħafna minħabba l-fatt li fl-istess epoka f'Malta kien għad hawn min jaf ifondi l-qniepen. Il-kummissjoni biex isiru qniepen ġodda bħal dejjem kienet ibbażata fuq il-flus iktar milli fuq il-kwalità tal-prodott.

Jekk wieħed jagħti ħarsa wkoll lejn liema knejjes kienu jikkummissjonaw il-qniepen mingħandhom, wieħed jifhem allura x'irrid infisser. Fost il-parroċċi ewlenin li ordnaw mingħand Boero nsibu l-Mosta, iż-Żejtun u San Lawrenz Għawdex. Għall-iskop tagħna ser niffukaw fuq il-funderija Boero li xogħolha deher għall-ewwel darba fl-1863-64 meta saru ż-żewġ qniepen il-kbar tal-Mosta. Dak iż-żmien il-funderija kienet topera taħt l-isem ta' Venanzio Boero, probabbli t-tieni ġenerazzjoni qabel Aloisio Boero. Probabilment, fl-1880 il-funderija kienet qiegħda topera taħt it-tifel ta Venanzio li kien Benedetto u ħutu. Dan nafuh minn qanpiena li fonda għall-Parroċċa ta' San Anard f'Ħal Kirkop. L-isem ta' Boero reġa' deher fl-1895, din id-darba taħt l-isem ta' Aloisio Boero (probabbli t-tifel ta' Benedetto) meta saru l-qniepen tal-Parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu f'tas-Sliema mħallsa mill-Baruni Carlo u Victoria Zimmermann Barbaro.

Fl-1897 saru l-qniepen ta' San Lawrenz li ġew ikkonsagrati u tħallsu kif ser ngħid: il-Kbira tħallset minn Theresa Mizzi u ssemmiet Teresa Laurenza, it-tieni saret minn Giovanni Maria Micallef u ssemmiet Maria Giovanna Lorenza, u ż-żgħira tħallset minn Aloisio Micallef u ssemmiet Luigia Lorenza Maria Dolores.

Fonduti fuq il-qanpiena l-Kbira nsibu l-figura ta' San Lawrenz djaknu u martri u patrun tar-raħal, id-Duluri, Santa Theresa ta' Lisieux (patruna tad-donatriċi) u figura ta' Kristu jerfa' s-salib. Fuq it-tieni qanpiena nsibu l-figuri ta' San Lawrenz, San





Girgor, Madonna tar-Rużarju, u San Ġuzepp (patruni tad-donaturi). Fuq it-tielet insibu l-figuri ta' San Lawrenz, il-Qalb ta' Ġesù, San Alwiġi Gonzaga (patrun tad-donaturi) u l-Qalb ta' Marija.

Jinsabu diversi dekorazzjonijiet oħra li għalkemm interessanti jinsabu fuq diversi qniepen oħra fonduti mill-fondituri Ġenoveżi li semmejna qabel.

L-iktar ħaġa partikolari dwar dan is-sett ta' tliet qniepen hija l-qanpiena l-Kbira li nistgħu ngħidu b'ċertezza li hija l-eqdem qanpiena ntunata mekkanikament li tinsab fil-gżejjer Maltin. Għalkemm illum il-funderiji moderni u serji kollha jipperfezzjonaw it-tonalità tal-qniepen tagħhom b'dan il-mod, għal dak iż-żmien kienet ħaġa ferm ġdida li qanpiena tiġi pperfezzjonata armonikament b'mod mekkaniku. Biss biss wieħed iqis li fiż-żmien li qed insemmu, fid-dinja kampanoloġika kienet qegħda ssir taqliba kbira f'dan is-settur. Ta' min jgħid ukoll li d-dinja tal-qniepen kienet maqsuma bejn dawk li kienu favur u oħrajn li kienu kontra dan il-proċess.

Mad-daqqa t'għajn il-fattur stramb huwa li l-qanpiena l-kbira biss sarilha dan il-proċess. Mit-tqattieh illi sarilha wieħed jista' jasal għal diversi konklużjonijiet xjentifiċi l-aktar fosthom li kellha dik l-hekk imsejħa *'nominal note'* kienet *'sharp'* min-nota li kienet ordnata. Għaldaqstant dan it-tqaxxir u l-illimar li sar ġab din in-*'nominal note flat'* kif kellha tkun biex mużikalment u xjentifikament tinstema' u tkun skond il-frekwenzi akustiċi li kellu jkollha.

Li ż-żewġ qniepen l-oħra m'humiex minsusa ma jfissirx li huma perfetti fit-ton jew inkella nsew jagħmluhom. Il-fatti internazzjonali li semmejt qabel jirrispondu dawn id-domandi kollha, jiġifieri billi dan il-proċess kien għadu ġdid kienu jibżgħu jagħmluh jekk ma kienx assolutament neċessarju. Huwa fatt li biex iġġib il-frekwenzi ta' qanpiena żgħira korretti hija waħda mill-ikbar sfidi fil-kampanoloġija. Il-fonditur Boero ovvjament beża' li seta' joħroġ il-frekwenzi kompletament barra mill-parametri mużikali korretti u għaldaqstant ipprefera li ma jmisshomx. Fuq il-kbira ssogra jagħmilha għax żball fil-frekwenzi m'huwiex daqstant ovvju.

L-istramberija tal-proċess ta' l-intunar tal-qanpiena l-kbira ta' San Lawrenz hija li apparti li hija l-eqdem qanpiena ntunata minn ġewwa, sal-lum hija l-unika qanpiena Taljana li qatt rajna jew li qatt sibna li ġiet intunata mekkanikament.

Fl-1931 saret il-qanpiena ż-żgħira fil-funderija ta' Prospero Barigozzi li dak iż-żmien tista' tgħid li kull qanpiena li ġiet importata f'Malta saret hemm. Jingħad li ttellgħet fuq spallejn raġel minn San Lawrenz stess imlaqqam *ta' giamgam* minn ġot-taraġ tal-kampnar. Il-qanpiena iddendlet fil-kampnar tal-qniepen iż-żgħar, però wara l-qanpiena ittieħdet fil-kampnar l-ieħor maġenb il-qanpiena l-Kbira.

It-tliet qniepen ta' Boero jiffurmaw skala mużikali li tagħlaq fuq id-DO naturali. Skala fuq id-DO tinħtieġ ta' l-anqas tliet qniepen oħra biex tkun kompluta sew jiġifieri n-noti MI, SOL u d-DO l-ottava.

F'San Lawrenz dawn in-noti qegħdin kollha hemm ħlief il-MI li suppost tiġi naqra iżgħar mill-Kbira imma ikbar mit-tieni qanpiena preżenti. Ninsab ċert li jekk isir restawr kif inhu xieraq lill-qniepen kollha li jinsabu fil-kampnar, ir-riżultat aħħari ta' dawn il-qniepen ser ikun wieħed tajjeb ħafna għax il-potenzjal qiegħed hemm. B'daqsxejn kalibrazzjoni ta' l-ilsna u irbit sew minn mat-travi l-qniepen preżenti għandhom ikunu fost l-aqwa opri li l-Knisja parrokkjali għandha u li bihom ta' kuljum issejjaħ lill-poplu għat-talb.

Forsi xi darba għad tinqala' okkażjoni fil-futur meta l-akkordju mużikali uniku magħmul minn Aloisio Boero jitkompla billi ssir din il-qanpiena li n-nota tagħha hija tant bżonnjuża fil-moti li jindaqqu f'ġieħ il-patrun San Lawrenz martri.

